# LEHEN IL-MALTI

L-XXXVII 1968 GHADD 13

DAN L-GHADD FIH:

EDITORJAL: *Nafu fejn Sejrin?* — R. AZZOPARDI: *Argumenti Liriċi fil-Poeżija ta' Rużar Briffa* — V. SANT: *Consolatrix Afflictorum; Kuntrasti; Fil-Ġnejna: Varjant* — P.P. SULTANA: *Riferenzi Awtobijografiċi fil-Poeżija ta' Dun Karm* — A. DEGABRIELE: *Diwi ta' Għana; Xenqet il-Bieraħ* — Br. G. MERCIECA S.D.B.: *Fuq il-Qabar ta' Suldat Malti* — K. MALLIA: *Tersaqx* — P.G. CREMONA O.F.M.: *Lill-Poeta Giacomo Leopardi ...* — C. CALLEJA: *"Għalija l-Ħaqq" jgħid il-Mulej* — D. MASSA: *Mewt qalb l-Għerien* — V. FENECH: *Fil-Misraħ* — V. SPITERI: *Studju Ġenerali tas-Sunett f'Idejn Dun Karm* — H. BELLIZZI: *Il-Poeżija ta' Dun Karm bija mera ta' ħajja li qed tispiċċa* — Rev. J. BUSUTTIL: *Taqbil u Xebh bejn il-Malti wil-Grieg Qadim* — Fr. J. CREMONA O.F.M.: *Ġerusalemm!*

## EDITORJAL — NAFU FEJN SEJRIN?

MALTA qiegħda titbiddel u titħallat: il-bdil u t-taħlit ġew maż-żmien li fetħu triqat oħra. Il-bdil u t-taħlit hu minnu nnifsu l-ħtija ta' ġrajjiet oħra li qed jibnu l-ħajja soċjali u ekonomika ta' Malta. Fl-aħħar editorjal tkellimna fuq il-kolonjaliżmu li baqa' fostna taħt ħafna għamliet. Illum iżjed minn dari jeħtieġ li l-Ġens Malti jsaħħaħ l-identità tiegħu Nazzjonali biex ma jħallihiex tintilef fit-taħlit ta' nies u ġrajjiet ġodda.

Il-bibien ta' l-art tagħna jeħtieġ jibqgħu miftuħin għal min irid jiġi fostna. Minn naħa l-oħra, aħna għandna nżommu sħiħ u nkabbru l-wirt ta' misserijietna u, fost kollox, biex nitkellmu ċar, ma nibqgħux inħallu l-barranin jixtru l-art tagħna għal ħsebijiet ta' negozju, għax jekk nibqgħu sejrin hekk għad jiġi żmien li Malta nfittxuha u nsibu li m'għadhiex tagħna. Kull biċċa art Maltija mibjugħa lill-barrani ssir art barranija għax sidha hu barrani. Meta l-bejgħ ta' l-art hu għal meddiet kbar, it-taqtigħ ta' Malta u Għawdex biċċa biċċa ma jfissirx ħaġ'oħra ħlief li Malta qed tinbiegħ biċċa biċċa bħall-laħam taċ-ċanga fis-suq.

Kien hawn min qajjem l-opinjoni pubblika fuq dan id-delitt kontra pajjiżna, imma milli jidher daqs kemm qed jagħmlu flus minn dan il-bejgħ, dawk il-ħluq li dari kienu jkantaw l-innijiet patrijottiċi ta' Malta tagħna, illum huma meħjutin. Aħna li qbiżna għall-Ilsien tal-Poplu tagħna, meta

l-barrani ried iċaħħadna minnu biex ma nkunu qatt nazzjon, biex ma nħossuna qatt nies bħalhom, ħalli jibqgħu jifirduna u jisfruttawna, aħna llum ngħollu leħenna kontra l-bejgħ ta' Malta lill-barranin.

Gvernijiet ta' pajjiżi oħra ma jħallux lill-barrani jixtri art tagħhom. Jagħmlu restrizzjonijiet li jħarsu l-indipendenza territorjali tal-pajjiż. Hawn Malta aktar m'aħna żgħar aktar il-barrani qed jixtrina għax il-ħin kollu jdendel il-flus quddiem għajnejna qishom qatta silla quddiem għajnejn il-ħmir. Il-Maltin qed jiksbu flus tal-karta li għad jiġi żmien ma jkunu jiswew xejn, fil-waqt illi l-barranin qed jiksbu proprjetà f'artna biex jinjinnegozjawha u jagħmlu flus minnha. Ġie li qrajna f'gazzetti riklami ta' bejgħ t'artijiet jew vilel lill-barranin biss. Dan għalina bidu ta' "apartheid" li wisq nibżgħu li, fis-snin li ġejjin, meta l-għadd ta' barranin fostna jibda jikber, jista' jsir flaġell f'Malta bħalma hu flaġell fis-South Afrika.

Il-barrani jġib miegħu minn barra ħila ta' sengħa u kultura, ħafna drabi ħafna aqwa minn dik tal-Maltin, u din id-differenza toħloq firda bejn soċjetà u oħra. Aħna m'aħniex ingħidu dan għal dawk li jiġu minn barra u jixtru dar biex igħaddu l-aħħar snin ta' ħajjithom taħt is-sema tagħna, imma għal dawk il-barranin megħjunin minn xi Maltin rgħiba li fetħu suq Malta u barra għal bejgħ ta' artna biċċa biċċa bħall-bejgħ tal-laħam ta' baqra, biex nirripetu l-istess paragun, fis-suq tal-Belt.

L-Editur ta' dal-ġurnal, fit-taħdita ta' l-Ewwel ta' Mejju, widdeb lill-poplu u lill-gvern kontra l-periklu ta' soċjetà materjalista li ma tridx ħaġ'oħra ħlief il-flus u tkejjel il-merti ta' dak li jkun mill-flus li għandu anki jekk ikun seraqhom. Soċjetà bħal din hi soċjetà tassew imħassra!

F'dan it-taħsir hu d-dmir tagħna li nifdu 'l Malta mill-barranin u l-ġewwenin li qed ibigħuha biċċa biċċa lin-negozjanti.